# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**Magistrat**

**Dr Rachel Montebello B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 56/2018 RM**

**Loop Limited (C 73070)**

**-vs-**

**iGaming Plan Limited (C 77700)**

**u**

**Adrian Camilleri, ghal kull interess li jista' jkollu**

**Illum, 8 ta' Ottubru 2020**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors tas-socjeta' attrici pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-9 ta' Marzu 2018 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsuha s-somma ta' tmint elef, tlett mija, tlieta u hamsin ewro u tnejn u tletin centezmu (€8,353,32) rapprezentanti ta' somma dovuta bilanc minn somma akbar ghal xoghol ta' website u software development u manteniment tekniku li ghalih giet inkarigata u gew forniti lil intimati, jew min minnhom. Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta Nru 2819/17 u bl-imghax minn notifika tal-istess ittra. Bis-subizzjoni tal-intimati.

Rat ir-Risposta tal-konvenuti pprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar id-9 ta' April 2018 fejn gie eccepew is-segwenti:-

1. *"Illi preliminarjament, l-intimat Adrian Camilleri ma huwiex il-legittimu kontradittur stante illi ma kien hemm l-ebda relazzjoni kuntrattwali jew professjonali bejn l-attur u l-imsemmi intimat Camilleri fil-kapacita' personali tieghu. Inoltre, Adrian Camilleri lanqas ma huwa azzjonista, direttur jew rappresentant legali u/jew guddizzjarju tas-socjeta' intimata iGaming Plan Limited (C77700) u ghaldaqstant huwa ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.*

2. *Illi bla pregudizzju ghas-suespost t-talbiet tas-socjeta' attrici ghandhom jigu michuda stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u x-xoghol prestat mis-socjeta' attrici ma kienx tal-grad ta' diligenza ghall-inqas ordninarja u/jew kif jitolbu s-sengha u l-arti u b'rizultat ta' dan, is-socjeta' intimata iGaming Plan Limited sofriet danni u kienet kostretta tidhol fi spejjez ulterjuri sabiex tkun tista' taghmel it-tiswijiet neccessarji fis-software zviluppat mis-socjeta' attrici u sal-gurnata tal-llum dan is-software ghadu ma jistax jigi integrat mas-sistemi tal-klijenti tas-socjeta' intimata. Illi dwar dan is-socjeta' intimata tixtieq tirrileva illi se tkun qieghda tintavola azzjoni gudizzjarja separata quddiem l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili sabiex jigi likwidat l-ammont ta' danni u spejjez illi hija sofriet minhabba n-negligenza u nuqqas ta' hila tas-socjeta' attrici.*

3. *Illi s-socjeta' attrici naqset milli tonora l-obbligi taghha ai termini tal-ftehim bejnha u bejn is-socjeta' intimata iGaming Plan Limited u ghaldaqstant l-ammont kif pretiz m' huwiex dovut.*

4. *Illi s-socjeta' rikorrenti naqset milli tlesti x-xoghlijiet illi hija kienet giet ingaggjata ghalihom fiz-zmien miftiehem u dan irrizulta f'telf konsiderevoli ta' dhul ghas-socjeta' intimat iGaming Plan Limited stante illi minhabba dan*

*id-dewmien is-socjeta' intimata ma setghetx toffri s-servizz ta' dan is-software lill-klijenti taghha.*

5. *Salv eccezzjonijeit ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici li minn issa hija ngunta in subizzjoni."*

Rat illi din il-kawza giet assenjata lill-Qorti kif preseduta permezz ta' digriet ta' assenjazzjoni moghti mis-S.T.O il-Prim-Imhallef b'effett mis-16 ta' Lulju 2018;

Rat id-digriet taghha kif diversament preseduta, li permezz tieghu ordnat l-inverzjoni tal-provi dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti;

Rat id-digriet taghha moghti fit-22 ta' Mejju 2019 li permezz tieghu ordnat li jigi sfilzat mill-atti l-Affidavit ta' Adrian Camilleri;

Rat illi fl-udjenza tat-22 ta' Mejju 2019, ordnat illi l-kawza tithalla ghall-provi tas-socjeta` attrici dwar l-ewwel eccezzjoni preliminari kif ukoll dwar il-mertu;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha esebiti fl-atti;

Semghet ix-xhieda;

Rat illi minkejja illi fl-udjenza tat-23 ta' Jannar 2020, il-kawza thalliet ghall-provi kollha tal-konvenuti, il-konvenuti baqghu ma ressqux provi;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-avukat difensur tas-socjeta` attrici;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi qabel xejn ghandha tigi mistharrga u determinata l-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata fir-Risposta tal-konvenuti, dwar in-nuqqas ta' relazzjoni kuntrattwali jew xort'ohra bejn is-socjeta` attrici u l-konvenut Adrian Camilleri f'ismu personali. Il-konvenut jikkontendi illi huwa ma jokkupa l-ebda kariga formali jew rapprezentattiva fis-socjeta` konvenuta iGaming Plan Limited u ghaldaqstant jitlob li jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Mill-provi, senjatament il-kopja tad-dokumenti ufficjali li jidher li nkisbu mir-Registru tas-Socjetajiet u mis-sit elettroniku relattiv[1], jirrizulta illi huwa minnu illi l-konvenut Adrian Camilleri ma jokkupa ebda kariga formali fis-socjeta` konvenuta iGaming Plan Limited. Huwa minnu wkoll illi l-fatturi ghall-hlas tal-prestazzjonijiet rezi mis-socjeta` attrici, inhargu esklussivament f'isem l-istess socjeta` konvenuta. Madanakollu, dan ma jfissirx necessarjament illi Adrian Camilleri ma jistax jitqies bhala l-legittimu kontradittur tat-talba attrici ghaliex jekk minkejja dan kollu, jirrizulta mill-provi li huwa kien materjalment u effettivament parti fin-negozju li ta lok ghall-kawzali li fuqha tinsab mibnija d-domanda attrici odjerna, dan ikun bizzejjed biex jinstawra relazzjoni guridika li abbazi taghha l-konvenut jista' jitqies li huwa *prima facie* legittimu kontradittur sabiex iwiegeb ghat-talba attrici.

Fil-kaz **Pauline MacDonald vs Medistar Healthcare Services Limited et**[2] deciza fit-28 ta' Settembru 2016 il-Qorti qalet hekk:

"*Il-kriterji li jirrendu parti f'kawza bhala legittimu kontradittur jirrizultaw ben cari mill-gurisprudenza*:

***<u>Focal Maritime Services Company Limited vs Top Hat Company Limited</u>*** *deciza fid-9 t'April 2008 mill-Qorti tal-Appell:*

[1] Ara nota tal-konvenuti tat-23 ta' April 2019, Dok. A sa Dok. E.
[2] Rik Gur Nru 700/14

*"In linea ta' prinċipju ġenerali huwa, bla dubju, indiskuss illi d-deduzzjoni ta' konvenut f'ġudizzju trid, neċessarjament, titwieled minn rapport ġuridiku, sija jekk dan jemani minn kuntratt, leżjoni ta' dritt minn intervent delittwuż jew akwiljan, ope successionis jew minn sitwazzjonijiet strutturalment komuni (ad eżempju, f'kondominju jew il-krejazzjoni ta' ċerti servitujiet). Li jfisser, b'konsegwenza, illi kawża ma tkunx tista' tikkonsegwi l-iskop tagħha jekk mhux fil-konfront ta' dak li miegħu l-attur, għal xi waħda mill-konnessjonijiet aċċennati, għandu relazzjoni ġuridika.*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et** deciza fil-5 ta' Ottubru 2001 mill-Qorti tal-Appell, kien gie ritenut ukoll illi:-

*"Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi ghaliha, jekk provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha. Dan, naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeciedi li l-konvenut kien gie sewwa citat inkwantu jkun stabbilit li l-interess guridiku tieghu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu necessarjament ikun finalment tenut bhala l-persuna responsabbli biex tirrispondi ghat-talbiet attrici kif proposti, kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attrici kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn haddiehor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jigi wkoll citat bhala legittimu kontradittur fil-kawza."*

Da parti taghha, is-socjeta` attrici ssostni illi l-istruzzjonijiet li hija rceviet b'rabta mas-servizzi li pprovdiet lis-socjeta` konvenuta, dejjem inghataw minn Adrian Camilleri wahdu, u l-komunikazzjonijiet kollha dwar il-prestazzjoni ta' dawn is-servizzi, ukoll saru mieghu biss. Madanakollu jigi osservat illi fl-istess waqt, Kurt Galea, wiehed mid-diretturi tas-socjeta` attrici, qal illi d-dokumenti li huwa kien baghat "*biex jigu ffirmati, huwa baghthom biex jigu ffirmati minghand* (*sic.*) ***Adrian Camilleri ghan-nom tal-kumpannija jew xi hadd iehor ghal iGaming Plan***". [enfasi tal-Qorti]

Mid-depozizzjoni ta' dan l-istess xhud, jirrizulta illi effettivament, Adrian Camilleri qatt ma ffirma l-ebda dokument li gie mibghut lilu mis-socjeta` attrici relattivament ghall-provvizjoni tas-servizzi rikjesti: fatt illi huwa affermat

ulterjorment mid-dokumenti esebiti mill-konvenuti konsistenti *inter alia* f'abbozz ta' ftehim intestat "*Retainer Agreement*"[3] li jidher li kien intiz biex jigi konkluz bejn is-socjeta` attrici u dik konvenuta, liema ftehim evidentement baqa' ma giex iffirmat. Minn ezami ta' dan id-dokument, kif ukoll tad-dokument intestat "*Statement of Work*"[4] ukoll esebit mill-konvenuti, huwa evidenti illi fit-trattattivi mas-socjeta` attrici, Adrian Camilleri dejjem ipprezenta ruhu li qed jagixxi fi kwalita` rapprezentattiva tas-socjeta` iGaming Plan Limited. Kemm hu hekk, id-direttur tas-socjeta` attrici xehed illi Adrian Camilleri pprezenta ruhu bhala l-beneficcjarju u d-dirigent uniku ta' din il-kumpannija.

Hawnhekk, il-Qorti thoss li ghandha tissenjala illi ghalkemm id-dokumenti fuq imsemmija gew prodotti in atti mill-konvenuti fi stadju inizzjali tal-proceduri, dawn baqghu ma gewx kontestati jew kuntrastati mis-socjeta` attrici u effettivament, iz-zewg diretturi tas-socjeta` attrici li xehdu f'dawn il-proceduri, qatt ma cahdu li dawn huma dokumenti li effettivament intbaghtu lis-socjeta` konvenuta in konnessjoni mas-servizzi li qed tirreklama l-hlas taghhom f'din il-kawza. Lanqas jirrizulta mill-provi li l-abbozz tal-ftehim intestat "*Retainer Agreement*" (Dok. E) gie sorvolat b'xi ftehim sussegwenti jew differenti.

Il-Qorti tqis ukoll li huwa immaterjali jekk fir-realta` l-konvenut kienx jokkupa b'mod formali kariga rapprezentattiva fis-socjeta` konvenuta, jew jekk kienx wiehed mill-azzjonisti tal-kumpannija, jew le. Dan ghaliex il-provi kollha juru illi l-konvenut Adrian Camilleri talab il-prestazzjoni tas-servizzi tas-socjeta` attrici mhux ghalih personalment, izda ghan-nom u fl-interess tas-socjeta` iGaming Plan Limited li, ghandu jinghad, ma cahditx li kienet inkarigat lill-konvenut biex jirrapprezentaha f'dan in-negozju. Fir-rigward, l-Qorti hadet qies ukoll tal-fatt illi skont il-verzjoni tas-socjeta` attrici stess, l-uniku direttur tas-socjeta` konvenuta hija mart l-istess konvneut Adrian Camilleri[5].

---

[3] Dok. E.
[4] Dok. D.
[5] Certa Violeta Vosyle – vide fol. 18 *et seq*.

Kif gie ritenut mill-Qorti tal-Kummerc fis-sentenza fl-ismijiet **Avukat Dottor Keith Bonnici noe vs Mark Grima** deciza fit-30 ta' April 1992:-

"*Illi hija haga minn lewn id-dinja li normalment bniedem jikkontratta ghalih innifsu,* ***sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor, jew jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf illi jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor****.*" [enfasi ta' din il-Qorti]

Naturalment, il-piz tal-prova li min ikkontratta ghamel hekk f'isem haddiehor, tinkombi fuq min jaghmel din l-allegazzjoni, izda kkunsidrat dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma illi mill-provi prodotti mis-socjeta` attrici nnifisha, m'hemmx dubju dwar il-kwalita` li fiha kien qed jikkontratta l-konvenut Adrian Camilleri. Tqis illi huwa manifest illi r-relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet kienet intiza li tkun u effettivament giet stabbilita, esklussivament mas-socjeta` konvenuta tramite l-konvenut u mhux ukoll mal-konvenut personalment - konkluzjoni li hija rinforzata **ulterjorment** mill-fatturi mahruga mis-socjeta` attrici, li gew intestati esklussivament lis-socjeta` konvenuta u mhux lill-konvenut. Ma hemm assolutament xejn fl-atti li jaghti x'jifhem illi l-konvenut Adrian Camilleri pprezenta ruhu personalment bhala d-debitur jew il-beneficcjarju tal-obbligazzjoni kkontrattata mas-socjeta` attrici ghall-prestazzjoni tas-servizzi deskritti fil-fatturi li l-hlas taghhom qed jintalab f'din il-kawza.

Lanqas jirrizulta li bejn is-socjeta` attrici u l-konvenut Camilleri, tezisti xi relazzjoni guridika naxxenti minn xi xort'ohra ta' obbligazzjoni. Il-fatt li Adrian Camilleri seta' hallas huwa stess xi parti mis-somma dovuta mis-socjeta` konvenuta[6], zgur li ma jsawwarx ness tax-xorta mehtiega biex l-istess konvenut jista' jitqies bhala l-legittimu kontradittur f'dan il-gudizzju. F'kull kaz, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi, apparti li ma ngiebet ebda prova dwar min effettivament hallas il-pagamenti akkont dovuti lis-socjeta` attrici[7], il-qbil dwar il-hlas tas-somma ta' €4,000 fix-xahar ghal sitt xhur li xehed dwaru Kurt Galea

[6] Ara Affidavit Kurt Galea.
[7] Fis-somma ta' €2,000, Affidavit Kurt Galea, fol. 78.

fl-Affidavit tieghu[8], huwa ampjament manifestat fil-korp tal-abbozz tal-ftehim (mhux iffirmat) esebit mill-konvenuti (Dok. E), **liema ftehim evidentement kien intiz li jigi konkluz mal-konvenut ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` iGaming Plan Limited, u mhux mal-konvenut f'ismu proprju**. Kif diga` gie rilevat iktar qabel, is-socjeta` attrici baqghet ma cahditx illi l-abbozz tal-ftehim esebit mill-konvenut ma kienx dak li effettivament hija baghtitlu ghall-firma.

Il-Qorti hija ghalhekk konvinta li mill-fatti ta' dan il-kaz ma tistax tigi rravvizata l-ezistenza ta' xi ness guridiku, kontrattwali jew xort'ohra, bejn is-socjeta` attrici u l-konvenut Adrian Camilleri u mill-provi, jirrizulta li dan il-konvenut huwa ghal kollox estranju ghar-responsabilitajiet lilu addebitati mis-socjeta` attrici f'din l-azzjoni. Ghaldaqstant, l-imsemmi konvenut ma jistax jitqies li huwa persuna idonea sabiex twiegeb ghad-domandi attrici kif proposti fir-Rikors promotur u mhuwiex, ghalhekk, legittimu kontradittur. Il-korollarju necessarju ta' dan huwa illi fil-mertu, il-konvenut Camilleri ma jista' qatt jitqies illi huwa persuna responsabbli ghall-hlas tad-debitu reklamat mis-socjeta` attrici

Ghaldaqstant, l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Camilleri hija tajba u qieghda tigi milqugha billi l-istess konvenut ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Ikkunsidrat;

Illi kwantu ghall-mertu, ma hemmx wisq x'jinghad.

Is-socjeta` attrici talbet il-hlas ta' diversi fatturi intestati lis-socjeta` iGaming Plan Limited, rapprezentanti bilanc dovut fuq servizzi ta' *website* u *software development*, kif ukoll manuntenzjoni teknika u dawn is-servizzi gew debitament prestati.

[8] L-ammonti dovuti fuq dan l-ftehim jidhru wkoll fl-istatement of account Dok, LD4, fol.89, fl-entraturi datati 3 ta' Awwissu 2017 u 4 ta' Settembru 2017.

Il-konvenuti jilqghu ghal din it-talba billi jeccepixxu illi s-servizzi rezi mis-socjeta` attrici ma kienux imwettqin b'diligenza u ma sarux skont kif jehtiegu s-sengha u l-arti, stante illi s-software istallat mis-socjeta` attrici ma jistax jigi integrat mas-sistemi tal-klijenti tas-socjeta` konvenuta. B'zieda ma' dan, gie eccepit illi ebda ammont ma huwa dovut lis-socjeta` attrici ghaliex din tal-ahhar naqset milli tonora l-obbligi taghha u tlesti x-xogholijiet appaltati entro t-terminu u skont kif miftiehem bejn il-partijiet. Is-socjeta` konvenuta tikkontendi wkoll illi bhala rizultat ta' dan l-inadempiment kontrattwali u nuqqas ta' diligenza, hija soffriet id-danni fost ohrajn, danni konsistenti fi spejjez sabiex jitwettqu t-tiswijiet mehtiega u f'telf ta' dhul.

Kwantu ghas-servizz ta' *website* u *software development*, il-Qorti wara li rat l-atti, tqis illi huwa ppruvat li dan gie debitament prestat fl-intier tieghu. Kemm hu hekk, mix-xhieda tad-diretturi tas-socjeta` attrici kif ukoll mill-i*statement of account* Dok. LD4[9], jirrizulta li l-progett konsistenti f'*web development* bl-isem "Drag2Win", gie kompletat tant illi nhargu tliet fatturi fis-somma totali ta' €10,814.70, bl-ahhar fattura (datata 11 ta' Lulju 2017) tiddeskrivi s-servizz bhala "Drag2Win: **Final Amendments**"[10]. Ta' min jinnota wkoll illi fuq dawn it-tliet fatturi, saru zewg pagamenti fis-17 ta' Lulju 2017 ammontanti komplessivament ghas-somma ta' €9,901.38, liema somma tirrapprezenta parti sostanzjali tal-ammont totali dovut fuq dan il-progett. Apparti li ma jirrizultax illi dawn il-pagamenti saru b'xi rizerva, jirrizulta wkoll mix-xhieda ta' Kurt Galea illi l-konvenut tant kien sodisfatt u impressjonat mis-servizz provdut mis-socjeta` attrici fuq il-progett "Drag2Win", illi huwa talab il-prestazzjoni tas-servizzi taghha fuq progetti godda, fosthom progett ta' "*lotteries*", kif ukoll manutenzjoni teknika tas-software li gie istallat – fatt li jinsab evidenzjat mid-dokumenti esebiti mill-konvenuti nfushom[11].

[9] Fol. 89.
[10] Enfasi tal-Qorti.
[11] Dok. D u Dok. E.

Is-socjeta` attrici ssostni li kien hawnhekk li hija insistiet li qabel tibda tahdem fuq xi progett gdid, kellu jithallas il-bilanc kollu li kien ghadu dovut fuq l-ewwel progett. Fissret ukoll li kien proprju ghal din ir-raguni li sar ftehim bejn il-partijiet biex jigu effettwati pagamenti mensili ta' €4,000 (eskluz V.A.T.) kull wiehed ghal sitt xhur, liema pagamenti mensili kellhom jinkludu wkoll il-bilanc pendenti fuq ix-xoghol tal-progett "Drag2Win". Il-Qorti tosserva illi dan il-ftehim deskritt minn Kurt Galea fix-xhieda tieghu, jinsab rifless fl-abbozz (mhux iffirmat) li gie esebit mill-konvenuti nfushom, liema abbozz evidentement fih l-istess termini u kundizzjonijiet li skont l-imsemmi xhud, is-socjeta` attrici insistiet ghalihom sabiex taccetta illi tkompli tippresta servizzi ulterjuri lis-socjeta` konvenuta.

Dan premess u stabbilit, il-Qorti tistenna illi jekk is-socjeta` konvenuta verament kellha xi rizervi jew ilmenti dwar is-servizzi prestati mis-socjeta` attrici, jew jekk verament ix-xoghol imwettaq kien difettuz u mhux addattat ghall-esigenzi tas-socjeta` konvenuta, din tal-ahhar ma tibqax tikkommissjona s-servizzi tas-socjeta` attrici jew *de minimis*, kienet timmanifesta dawn l-ilmenti f'xi forma ta' korrispondenza jew f'xi rizervi fil-ftehim ghall-prestazzjoni ta' servizzi ulterjuri. Izda minn dan kollu ma hemm xejn fl-atti u s-socjeta` konvenuta, minkejja li nghatat l-opportunita`, naqset b'mod assolut milli tressaq xi provi in sostenn tal-eccezzjonijiet taghha. Mhux talli hekk, talli jirrizulta illi minkejja l-allegazzjoni taghha dwar xoghol difettuz u mhux komplut, is-socjeta` konvenuta hallset mhux biss parti sostanzjali tal-ammont pretiz kwantu l-progett tal-*web development* bl-isem "Drag2Win", izda hallset ukoll pagament akkont tal-ammonti mensili li, skont kif imfisser mix-xhud Kurt Galea, gie miftiehem li jigi mhallas sabiex is-socjeta` attrici tipprovdi servizz ta' manutenzjoni tas-*software* gia` istallat u tibda tahdem fuq progetti godda kif rikjest mill-konvenuta.

F'dan il-kwadru ta' fatti, il-Qorti hija sodisfatta illi t-talba tas-socjeta` attrici ghall-hlas tal-bilanc minnha pretiz, giet debitament ippruvata u tisthoqq li tigi

akkolta.  L-eccezzjonijiet fil-mertu sollevati mill-konvenuta kontra t-talba ghall-hlas, la gew sorretti mill-provi u lanqas jirrizulta li huma fondati.

**Decide**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi filwaqt illi tilqa' l-ewwel eccezzjoni fir-Risposta tal-konvenuti u tillibera lill-konvenut Adrian Camilleri mill-osservanza tal-gudizzju stante li mhux legittimu kontradittur tad-domanda attrici, tichad il-bqija tal-eccezzjonijiet, tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici u tikkundanna lis-socjeta` iGaming Plan Limited thallas lill-istess socjeta` attrici s-somma ta' tmint elef tliet mija u tlieta u hamsin Euro u tnejn u tletin centezmu (€8,353.32) bl-imghax mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali bin-numru 2819/17 lis-socjeta` konvenuta.**

**L-ispejjez kif mitluba, hlief dawk koncernanti l-ewwel eccezzjoni li ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` attrici, jithallsu mis-socjeta` konvenuta.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT.**

**Dr Graziella Attard**
**Deputat Registratur**